MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Talba Numru. 108/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited u din kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Attilio Montebello abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi u l-istess Attilio Montebello**

**vs**

**Chatzetryphon Konstantin**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Jannar 2003, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u tlieta u tletin Lira Maltin u tliet centezmi (Lm333.03) rappresentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Attilio Montebello assigurat tas-socjeta' Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' tlieta u tmenin Lira

Maltin u tliet centezmi (Lm83.03), is-socjeta’ attrici Fogg Insurance Agnecies Limited u kwantu ghall-ammont ta’ mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm250.00) l-istess Attilio Montebello in linea ta’ *excess payment,* bhala rizultat ta’ l-incident awtomobilistiku li sehh fis-6 t’Awissu 2002 ghall-habta tal-10.20pm gewwa Bahar ic-Caghaq (Tul il-Kosta) Naxxar, bejn il-vettura proprieta ta’ l-attur Attilio Montebello, bin-numru tar-registrazzjoni FAD 579 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru tar-registrazzjoni DAK 296, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta’ traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-18 ta’ Novembru 2002 u ta’ l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma’ l-Avviz mibghuta lis-socjeta’ assikuratrici Citadel Insurance plc u interessi legali mid-data tan-notifika ta’ l-imsemmija ittra ufficjali kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa` ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Ramona Frendo, in rappresentanza tal-atturi, li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ tlett mija tlieta u tletin Liri Maltin u tliet centezmi (Lm333.03), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 18 ta' Novembru 2002 u dawk ta' l-ittra ufficjali l-ohra ipprezentata kontestwalment ma' l-Avviz mibghuta lis-socjeta' assikuratrici Citadel Insurance plc, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------